# Inkontri Sfumati

Clifford Jo Żahra

Il-ħajja bħal tgħixha fi flixkun. Flixkun f'sieq tfal ta'xi erba'jew ħames snin. Mhux bħal fil-każ ta'ballun f'saqajn plejers li ilhom jitħarrġu fil-mestier iż-żmien. Sejjer minn naħa għal oħra, idur bla waqfien xejn. U xħin jogħġobhom, jiftħulek l-għata biex ma tispiċċax tintilef minn sensik. U kif jaraw li ħadt nifs biżżejjed, jerġgħu jagħlquhulek, biex ma tmurx taħrab, u jkollhom joqogħdu jgħarrxu sabiex isibuk qalb dil-konfużjoni kollha. Imbagħad trid toqgħod attent li ma tispiċċax ġo xi *bring in site*, intitolata 'Plastik' jew 'Ħġieġ', ma'xi nofs tużżana fliexken oħra, kollha jistennew il-wegħda li jinbidlu f'xi ħaġa oħra, isbaħ u ifjen għal ambjent sostenibbli. Ħmerijiet! Bluha! L-aktar jekk xħin jiġu jiġbru jixħtu kollox f'daqqa, ejja suq ħa mmorru għax sarli l-ħin. Hekk rajthom jagħmlu dalgħodu jien u dieħla l-lukanda. Kienu mimlijin għaraq, b'kompetizzjoni bejniethom min jiżbogħ il-kliem bl-iżjed kuluri jgħammxu l-għajnejn. Kollox flimkien, ħorrox borrox u ejja ħaffifli għax il-ħin jiswa l-flus.

* * *

"Bonġu Vanessa. Għandek laqgħa fil-ħdax. Fil-kwarta se tidħol il-kollezzjoni l-ġdida tal-ożor. Mitluba tikkonferma jekk aħniex se naċċettaw id-disinji mibgħuta xahar ilu. Ħa, għandek il-fajl li tlabtni. Fis-siegħa itla' brejk u noqgħodlok jien hawnhekk, tinkwetax."

Fuq skrivanija mimlija *files* ma nafx kif tistenna nagħraf liema wieħed tlabtha lbieraħ. Għandi minn kollox hawn. Dahri lejha kont u dahri lejha bqajt. Lucienne

għandu jkun taħseb li kulħadd bħalha. Jidħol għax-xogħol kif jiskorru t-tmienja, u joħroġ la jdoqqu l-erbgħa. Ma tafx li lbieraħ bqajt hawn sat-tmienja nipprova nara dawk id-disinji kollha, wieħed wara l-ieħor, b'dik il-ħerqa u l-entużjażmu kollha biex ma mmurx naqbeż xi wieħed. Mhux għax wieħed kien differenti wisq mill-ieħor, iżda biex nara l-prezz. Lukanda daqs ħabs, u lanqas fondi adegwati sabiex nibdlu l-lożor ta' kullimkien m'għandna.

Din xi l-mniefaħ tefgħet hawn? U ajma! Qisu ħadd qatt ma żżewweġ. Ara naqra wkoll, '*29 people like this*'. Mela vera kulħadd biż-żlieġa f'għajnejh sar illum jew? Ara kemm qiegħed sew hu, qisu se jiżloq f'dik il-libsa twila li għandha! U dik x'libsa hi! Qisha ħuta ġiet tidher biha. Mela vera li ma tlift xejn ma mortx it-tieġ. Naħseb mhux kellhom ikel tarax! Ara ħa niktbilha: 'Proset pupa x'daqsxejn ta' ritratt dan! Issa bil-għaqal eh! U kif dak niltaqgħu ftit tafx, mhux Melchior serqek kemm ilkom marbutin!' U iva, ejja ħa nagħmlilha *like* kif qiegħda fiż-żifna.

* * *

"U qed ngħidlek tafx Ċens. Neżgħet kollox u niżlet b'xejn! Aħna nblajna. Lanqas qlajna għajnejna minn fuqha! Qisha sirena bdiet tgħum. Ġisimha skultura waħda. Titpaxxa!"

"Mhux ta' b'xejn li ma bdejtx twieġbu eh dak il-*mobile* żmagat li għandek! Min jaf kif kont mitluf!"

* * *

Is-soltu storja. Kull filgħodu. Kuljum. Għas-sajf kemm hu twil! Ma jistgħux jaraw waħda tgħum għall-kwiet li ma jmorrux jissendikaw mill-gallariji tal-kmamar fejn ikunu jsewwu. Irġiel imġewħin. Ilpup. Bil-mara d-dar żaqqha mal-kuker issaħħan u tberred l-ikel li tkun ilha li sajret minn kmieni waranofsinhar pass pass mar-riċetta li jkun taha l-kok fuq xi programm minn dawk il-medjokri. M'hemmx x'tagħżel min-nisa tad-dar; ħrief ġwejda li jibqgħu jseftru l-ħin kollu. Jekk mhux għar-raġel, għal uliedhom, u jekk dawn huma ftit, dejjem tista' żżid lil omm ir-raġel jew ommhom stess. Ħallata ballata, kulħadd jgħaffeġ fuqhom u jistenniehom li ma jgħidux 'ajma' jew 'aħħ' waħda.

Imbagħad hemm aħna x-xebbiet, li sidna mhu ħadd. Noħorġu kmieni filgħodu u nidħlu tard filgħaxija. Kollox tagħna. Karozza nsuquha aħna biss. Post fejn noqogħdu għalina u x'nagħmlu mhu affari ta' ħadd. Iż-żwieġ qatt m'għoġobni u mindu ommi sfat waħedha wara li missieri, bħall-bqija, mar mat-tifla ta' sieħbu, komplejt nikkonferma kemm jien għandi nibqa' sidt tiegħi

nnifsi. Jew ejjew ngħidu kważi, għax dak l-imniefaħ ta' *palm reader* qeridni. Iva kuljum, kull filgħodu, irrid inkun hawn fil-ħin biex ma jaqtgħulix xi siegħa mill-paga għal ġiex minuti li nidħol tard. Għajejt!

"Vanessa, Lucienne ħallietna."

* * *

"Għaddi Julian, għaddi. Il-bieb dejjem miftuħ għalik. X'ġabek 'l hawn?"

"Bagħatni Patri Karmenu, qalli li tixtieq tkellimni. Veru Father?"

"Dażgur. Sewwa qallek il-patri. Ara jogħġbokx."

Kien *walkman*. Dak iż-żmien kulħadd kellu wieħed, minbarra aħna. Aħna ma kellniex. Ma setax ikollna. Għax it-tfal tal-kunvent ma setax ikollhom affarijiet li jqumu bosta flus. Aħna ridna nidraw ngħixu b'inqas. Konna ngħaddu bil-ġenerożità tal-benefatturi. Kien sabiħ immens. Ditta mill-aqwa. Sony! Ftit kont tara ta' dik il-kwalità.

"Jekk tgħidli xi ftit affarijiet jista' jkun tiegħek mil-lum stess. Iżda trid twegħedni li ma toħorġux barra miċ-ċella tiegħek jew turih lil sħabek. Ftehemna?"

"Mhix problema, Father. Inwiegħdek."

Il-mistoqsijiet bdew fuq temi mill-aktar komuni. Dwar iż-żmien kemm ili l-kunvent. Għaliex spiċċajt hemm. Kif inqatta' l-ħin. Jekk qatt kienx hemm xi ħaġa li dejqitni. Fl-iskola kif jien sejjer. X'beħsiebni nagħmel la noħroġ minn hemm, u l-bqija. Iżda mbagħad, iżjed ma beda jgħaddi l-ħin, wiċċi beda dejjem iżid fil-ħmura. Ħassejt dehxa ma' dahri kollu. Idejn il-Father ħassejthom kesħin miegħi. Minn fuq spallti niżlu jiżżerżqu għal quddiem. Neħħieli l-flokk tal-Metallica. Kompla nieżel 'l isfel. Riedni nneħħi l-qalziet ukoll. Jien ma ridtx. Imma fakkarni fil-*walkman*. Il-*walkman*. Sony! Dak iż-żmien kulħadd kellu wieħed, minbarra aħna. Aħna ma kellniex. Ma setax ikollna għax it-tfal tal-kunvent ma setax ikollhom affarijiet li jqumu bosta flus. Iżda jien ma ridtx inkun iżjed wieħed minnhom. Ridt inkun differenti. Ditta mill-aqwa. Ftit kont tara ta' dik il-kwalità. Sony! Xtaqt inkun differenti. Stajt inkun differenti. Ħallejtu. Xrobt it-tazza ilma li offrieli. Dak il-ħin naf li hu kien maġenbi, mal-art, mimdud. Intlaqt minn tuli fl-art u xħin qomt sibt il-*walkman* imkebbeb ġo ħwejġi. Ma flaħtx inqum u xħin irnexxieli, bdejt inweġġa' bilqiegħda.

"Julian, ħa mmur brejk jien. Jekk iċemplu għall-ordni tad-drapp tal-purtieri fittex avżani u qis li ma tagħtix risposti definittivi."

* * *

Wasalt tard. Ma sibtx nipparkja. Il-Belt għalhekk ma nġerrgħux. Fejn tipparkja ma ssib qatt. Ħlief għal tliet okkażjonijiet. F'xi parkeġġ li jiżbankak jekk iddum ma toħroġ minnu; mas-sebħ, jew filgħaxija wara l-ħamsa, kif ħafna mill-ħaddiema tal-uffiċini jerġgħu lura d-dar man-nisa ġwejda tagħhom li sakemm jaslu jkunu diġà għamlu xi erba' sigħat jieħdu ħsieb it-tfal li t-tnejn flimkien, b'dik it-tant għożża u mħabba passjonali, ġabu fid-dinja.

Wasalt bl-eżatt – fit-3p.m. Ix-xena li rajt ma kienet ġdida xejn. Nies liebsa l-iswed, u xi wħud l-abjad. Tfal xejn. In-nisa b'xebgħa lbiesi fuq l-irkoppa, b' xi tlieta, erba' jew saħansitra ħames saffi ta' laħam imqabbeż minn qaddhom 'il fuq. L-irġiel bl-ingravajjet u l-qomos maħlula. Xejn maqful, xejn pulit. Bħalissa l-eqqel t'Awwissu. Tagħtihom tort? Ma kinitx għadha waslet. Ħsibtni se nsibha hemm, qabli. Iżda jien kont dik li kelli nistenna. Mhux hi. Stennejtha xi kwarta. Ħmistax-il minuta li rajthom demonju. F'dik ix-xemx tisreġ ħassejthom siegħa.

Il-karozza bit-tebut u xi nofs tużżana oħra warajha waqfu quddiem il-knisja. Is-sinfonija mżarżra ta' biki tal-kukkudrilli bdiet immedjatament. Il-biki nstema' jonqos hekk kif in-nies inġabret ġewwa. Il-quddiesa bdiet.

"Skużani ħallejtek tistenna. Iżda weħilt ġo Regional Road. Nidħlu?"

"Tibżax, kont għoddni se nidħol għall-funeral ta' dal-qassis li sabu mejjet kmieni lbieraħ! Issibhom il-postijiet fejn niġu nieħdu kafè int ukoll! Dħalna?"

* * *

Wiċċ l-iskrivanija ma bqajtx narah. Bħas-soltu, il-karti u l-*files* li kelli ma kinux iħallu nitfa spazju. Ix-xogħol beda jiżdied. Iżjed ma beda jgħaddi ż-żmien in-nuqqas ta' Lucienne bdejt inħossu iżjed. Minn dakinhar li telqet ġibna avviż fuq l-iżjed ġurnali li setgħu jkunu effettivi. Iżda ħlief tfajliet li jridu jaħdmu għas-sajf, jew mingħajr xi forma t'esperjenza m'applikawx.

"Iddeċidejna li nibqgħu mingħajr segretarja tad-dipartiment għalissa, sakemm jitfaċċa xi ħadd addattat. Ippruvajt nikkonvinċiha terġa' lura, iżda ma tridx taf. Hi kienet l-aqwa waħda, Julian, ħa ngħidlek."

"Ma nafx jien! Kienet taħdem daqsek u għajn ħażina minnha qatt ma rajna!"

Hu u jkellimni ħarstu xeħetha fuq l-ixkaffa ta' warajja. Fuqha kelli l-fuljetti u l-kopji kollha tar-rapporti annwali li kienet toħroġ il-lukanda. Kull dipartiment kien jingħata kopja ma' kull ħarġa. Turija tal-apprezzament minħabba fis-sehem mogħti minn kull qasam.

Bħal qisu ċċassa. Bjad. Minn leħnu deher konfuż x'jaqbad ilissen u immedjatament sellem u telaq.

* * *

"*Hello, Vanessa speaking, how may I help you?*"

"Vanessa, Julian jien. Dak il-*walkman* li hemm fuq l-ixkaffa ta' warajk ... dak minn fejn ġibtu?"

"X'*walkman*?... eh dak? Dak kont nara lil Lucienne tużah xi kultant. Għalfejn? Jaqaw tridu? ... Julian?"

Qata'. Dan x'inhu jtih dalgħodu? Mela kixfitu waqt li kien qed joħlom biha maġenbu jew?

* * *

Dakinhar niftakar li ntlaqt minn tuli fl-art u xħin qomt sibt il-*walkman* imkebbeb ġo ħwejġi. Illum m'għadux moħbi ġol-aħħar kexxun tal-kabinett, imkebbeb ġol-flokk tal-Metallica.

Fl-aħħar ħassejtni ħieles minnhom it-tnejn.